**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 328/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**

**vs**

**ABDULANI ABDERAHMAN**

**Illum, 20 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ABDULANI ABDERAHMAN** detentur tan-numru tal-Pulizija 18K-055 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Talli fit- tieni ta' April tas-sena 2020 għall- ħabta tas- siegħa u għoxrin ta' filgħodu (01.20Hrs) ikkometta serq ta' mobile phones u/jew apparat elettroniku ieħor minn ġewwa l-istabiliment bl-isem tal- Vodafone Malta li jinsab ġewwa Triq Dun Karm, ġewwa Birkirkara liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37), kif ukoll bil-mezz u bil-ħin u dan għad-dannu ta'

Vodafone Malta Ltd u/jew persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet oħra.

2. Ukoll talli b’hekk irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-Ufficjali Prosekutur qara l-akkuzi u konfermahom bil-gurament;

Rat illi waqt l-ezami, l-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi gew osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti fattwalment issospendiet il-prezentata sabiex taghtih zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u fissritlu kjarament il-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti kollha prodotti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi kollha li jinsab mixli bihom inkluz l-addebitu tar-recidiva, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u bhala qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-imputat dik is-sentenza li ghandha tinghata sentenza fil-konfront tieghu skont il-ligi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat jidher li ammetta l-involviment tieghu fis-serqiet mertu tal-kaz waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija u ko-opera pjenament mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha dwar dan ir-reat.

Qieset ukoll illi l-imputat meta kkommetta r-reat ta' serq fit-2 ta' April 2020 kien ghadu ma ghalaqx l-eta` ta' tmintax-il sena u ghaldaqstant ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena kif prospettat fl-Artikolu 37 tal-Kap. 9.

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax ma tiehux qies tal-valur sostanzjali tar-*res furtiva* kif jirrizulta mir-rapport tal-okkorenza (Dok. SP1). Jirrizulta wkoll mill-fedina penali tal-imputat illi fil-prezent, huwa jinsab jiskonta sentenza ta' prigunerija ta' hames snin ghal diversi serqiet kommessi minnu biss ftit granet wara s-serqa li biha jinsab mixli llum u li taghha qed jinstab hati. Dan kollu jfisser illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 huwa eskluz f'dan il-kaz u f'kull kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax hlief

tinfliggi piena karcerarja effettiva. Madanakollu, in vista tal-fatt illi l-imputat kien minuri meta wettaq dan ir-reat, mhijiex sejra tezercita d-diskrezzjoni taghha biex izzid il-piena minhabba l-addebitu tar-recidiva, izda sejra tnaqqas il-piena ghall-finijiet tal-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9, bi grad wiehed biss.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 37(2), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni qieghda ssib lil ABDULANI ABDERAHMAN hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u hati wkoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah sentejn prigunerija effettiva.**

**Billi wkoll ma gewx mahtura esperti fil-proceduri, il-Qorti tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li saret a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9, tordna illi l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**